# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tletin (30) ta' Mejju 2024**

**Rikors Numru 1424/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 5332/1999 fl-ismijiet**

**Los Tres Amigos Limited (C 12999)**

**Vs**

**Zahra Investments Limited (C 16130), Stratford Co Limited (C 18483) u Angcar Co Limited (C5707)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Diċembru 2023, li permezz tiegħu s-soċjetajiet rikorrenti Zahra Investments Limited (C 16130), Stratford Co Limited (C 18483) u Angcar Co Limited (C5707) talbu s-segwenti:

*Illi fis-sena 1999 inħareġ il-mandat ta' inibizzjoni de quo. (Dok A) Illi l-imsemmi mandat ġie prorogat sat-13 ta' Jannar 2001 (Dok B).*

*Illi -mandat ta' inibizzjoni de quo kien relatat mal-kawża fl-ismijiet premessi rikors numru 2692/1999 li ġiet deċiża fl-14 ta' Jannar 2000 kif jirriżulta mir-rikors għal-proroga (Dok B).*

*Illi dan r-rikors qed jsir a bażi ta' żewġ raġunijiet:*

*A: Illi l-mandat qatt ma ġie prorogat wara l-14 ta' Jannar 2001 u għalhekk skada.*

*B: Illi jekk baqa' veljanti wara l-14 ta' Jannar 2001 a tenur tal-Art 874 (5) huwa dispost illi:*

> *(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836, il-mandat imsemmi fis-subartikolu (2) għandu, kemm-il darba ma jiġix revokat jew ma jibqax iseħħ iktar fi żmien qabel, jibqa'jseħħ* ***għal perjodu ta' sena mid-data meta tingħata s-sentenza finali*** *favur il-kreditur fil-kawża tiegħu biex jiġbor lura d-debitu jew il-pretensjoni msemmija fis-subartikolu (1)."*

*Illi ma sar ebda kontro-mandat in segwitu u s-sena hemm kontemplata skadiet.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbili Qorti tiddikjara li l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni m'għandux jibqa' jseħħ u tordna l-ħruġ tal-opportun kontro-mandat.*

2. Rat illi fit-2 ta' Frar 2024 ir-rikors ġie appuntat għas-smigħ għat-12 ta' Marzu 2024 fejn is-soċjeta' Los Tres Amigos Limited ingħatat l-opportunita' illi tidher sabiex tirrispondi għal dak mitlub.

3. Rat illi fis-27 ta' Marzu 2024, is-soċjeta' Los Tres Amigos Limited ġiet notifikata f'idejn Lino Pisani, u dana kif jidher fir-referta li tinstab a fol 11.

4. Rat illi fit-28 ta' Mejju 2024, la daħlet risposta tas-soċjeta' Los Tres Amigos Limited u wisq anqas deher xi ħadd sabiex jirrappreżentaha.

5. Rat illi fit-28 ta' Mejju 2024, is-soċjeta' rikorrenti talbet illi r-rikors jitħalla għal deċiżjoni finali.

6. Rat illi jirriżulta illi sentenza finali ingħatat fl-14 ta' Jannar 2000, u minn dakinhar ma sar xejn da' parte tas-soċjeta' Los Tres Amigos Limited, għajr għal proroga illi skadiet fl-14 ta' Jannar 2001.

7. Rat illi a tenur tal-Artikolu 874 (5) tal-Kap 12, Mandat ta' Inibizzjoni jibqa' fis-seħħ sa sena wara li tingħata s-sentenza finali.

8. Rat illi għalhekk ma hemm ebda raġuni 'l għaliex il-Mandat odjern għandu jibqa' in vigore, ladarba ma ttieħdet ebda azzjoni mis-soċjeta' Los Tres Amigos Limited fil-perjodu stabbilit fil-Liġi.

9. Għaldaqstant, ma hemm ebda raġuni 'l għaliex it-talba kif redatta ma għandhiex tintlaqa'.

## Konklużjoni

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

Tiddikjara illi l-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 5332/1999 ma għadux in vigore u għalhekk:

Tordna l-ħruġ ta' l-opportun Kontro Mandat.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjeta' Los Tres Amigos Limited.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**